MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 295/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Lulju tal-elfejn u sitta (2006) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Maria Spiteri mid-disgha (9) ta’ Frar tas-sena elfejn u disgha (2009). (Ara Dok B anness);

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. B, Klawsola 2) il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba’ (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha hija eccepiet :

1. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn erba’ snin u huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali tad-disgha (9) ta’ Frar 2009 pubblikat fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri;
2. Illi ma twieldux tfal fiz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
3. Illi ebda’ manteniment ma huwa dovut lil partijiet reciprokament in kwantu skont l-artiikolu 2 tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali huma rinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;
4. Illi ghalhekk ma hemm ebda’ raguni fil-ligi ghaliex ma ghandux jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
5. Illi ghal kull buon fini l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez ta’ din il-procedura;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Gunju, 2013;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Frar, 2009;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi r-rikorrenti ipprova wkoll illi l-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------